

Brussell, 11 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14023/23

ECOFIN 1011
UEM 293
AGRISTR 53
PECHE 429
CADREFIN 137
SOC 671

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 571 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Evalwazzjoni <i>ex post</i> tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 571 final.

Mehmuż: COM(2023) 571 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.10.2023
COM(2023) 571 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Evalwazzjoni *ex post* tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali

{SWD(2023) 322 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Evalwazzjoni *ex post* tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali

INTRODUZZJONI

Ir-riforri strutturali huma essenzjali għall-immodernizzar tal-ekonomiji, l-inkoraġġiment tal-investment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-titjib tal-istandards tal-ġhajxien. Ir-riforri huma proċessi kumplessi min-natura tagħhom stess.

F'Mejju 2017, ġie adottat ir-Regolament (UE) 2017/825 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali (Structural Reform Support Programme, "ir-Regolament SRSP"). Dan kien maħsub bħala għodda biex jipprovdi appoġġ tekniku lill-awtoritajiet nazzjonali u jgħin lill-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw riforri strutturali istituzzjonali, amministrattivi u li jsostnu t-tkabbir.

Il-baġit għall-Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali ("il-programm" jew "l-SRSP") kien ta' EUR 222,8 miljun matul l-2017-2020. Il-programm kien ġestit mis-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (Structural Reform Support Service, SRSS) li, fl-1 ta' Jannar 2020, sar id-Direttorat Ġenerali għall-Appoġġ għar-Riforri Strutturali (DG REFORM).

METODOLOĠIJA

Twettaq studju ta' evalwazzjoni minn kuntrattur estern indipendenti biex jagħti informazzjoni dwar l-evalwazzjoni *ex post* tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali. L-istudju twettaq fuq perjodu ta' 11-il xahar, li beda fil-11 ta' Ottubru 2021. Dan kien jinkludi 826-il proġett iffinanzjati mill-SRSP mill-2017 sal-2020, li jkopru l-benefiċjarji fl-Istati Membri kollha.

Il-kuntrattur uża metodoloġija kumplessa f'konformità mal-linji gwida tal-UE għal Regolamentazzjoni Aħjar biex jiġbor evidenza robusta, li tikkonsisti f'riċerka estensiva bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni (inkluża l-informazzjoni tad-DG REFORM estratta mill-għodda ta' monitoraġġ intern tiegħu, b'*data* sa Novembru 2021), attivitajiet ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (intervisti mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, konsultazzjoni pubblika miftuħa, sħarriġ tal-partijiet ikkonċernati ewlenin u tal-gruppi fokali), u studji ta' każijiet fil-fond (30 proġett fi tmien Stati Membri, u proġett multinazzjonali wieħed li jkopri 17-il Stat Membru.)

Il-kuntrattur wettaq il-kompiti kollha taħt l-iskrutinju ta' grupp ta' tmexxija bejn is-servizzi u l-gwida tad-DG REFORM. Il-kwalità u r-rappreżentattività tal-evidenza miġbura tqiesu bħala solidi u sinifikanti, li jippermettulna nisiltu konklużjonijiet u nagħtu tweġibiet affidabbli u validi għall-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni.

SEJBIET EWLENIN

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-evalwazzjoni *ex post* tal-SRSP hija mfassla madwar il-ħames kriterji li ġejjin:

- **Rilevanza**
- **Effettività**

- **Effiċjenza**
- **Koerenza** (konsistenza)
- **Valur miżjud tal-UE** (valur li huwa addizzjonali għal dak li kienu jgħolqu l-pajjiżi tal-UE li kieku kellhom jaġixxu waħedhom)

Objettiv ġenerali

L-objettiv ġenerali tal-SRSP kien li jikkontribwixxi għal riformi strutturali istituzzjonali, amministrattivi u li jsostnu t-tkabbir fl-Istati Membri billi jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali. L-appoġġ kien mfassal ukoll biex jgħin lill-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jippreparaw biex jissieħbu fiha.

B'mod ġenerali, skont l-evidenza disponibbli, l-implimentazzjoni tal-SRSP kienet ta' suċċess f'termini ta' effettività, effiċjenza u koerenza. Il-programm instab li kien ukoll rilevanti ħafna fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-awtoritajiet benefiċjarji u tal-Istati Membri u li kellu "valur miżjud tal-UE".

Effettività

Il-programm irnexxielu jilħaq l-objettiv ġenerali tiegħu u mexxa 'l quddiem b'mod sostanzjali l-aġenda ta' riforma fl-Istati Membri. L-ilħuq attwali tat-tipi differenti ta' riformi ma kienx jiddependi biss mir-riżultati ta' programmi u strumenti oħra tal-UE iżda wkoll mill-isforzi usa' tal-Istati Membri.

Fejn il-proġetti ma ġġenerawx ir-riżultati u l-impatti kollha maħsuba, ġeneralment kienet riflessjoni tal-isfidi usa' fil-proċess ta' riforma aktar milli kwalunkwe dgħufija inerenti fil-proġetti jew fl-għoti ta' appoġġ tekniku. Madankollu, fil-futur mistennija aktar impatti tal-politika, peress li madwar terz tal-proġetti evalwati kollha kienu għadhom pendenti matul l-istudju ta' evalwazzjoni *ex post*.

Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn xi proġetti tal-SRSP ġew integrati b'ħala stadji importanti fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, b'mod li jiżguraw li jkun hemm impatt mat-tmien tal-istadji importanti¹. Għalhekk, ikun meħtieġ aktar żmien biex wieħed jara r-riżultati u l-impatti mistennija, minħabba l-katina loġika twila bejn l-għoti ta' appoġġ tekniku u r-riżultati / l-impatti mistennija.

L-involviment attiv mill-awtoritajiet benefiċjarji u r-responsabbiltà għall-proġetti tagħhom huma essenzjali biex jinkisbu r-riżultati. Dan l-involviment mhuwiex biss essenzjali matul l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-proġett, iżda wkoll fil-fażi ta' qabel l-implimentazzjoni, f'termini ta' definizzjoni tal-objettivi u l-iskedi ta' żmien tal-proġett, il-ħolqien ta' responsabbiltà u l-impenn għall-bidla.

Minkejja li qiesu l-appoġġ tekniku u implimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, l-awtoritajiet benefiċjarji xi drabi ma kellhomx kapaċità amministrattiva adegwata, u dan affettwa l-funzjonament bla xkiel tal-proġetti ta' appoġġ tekniku u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li rriżultaw. Minkejja li l-għoti ta' appoġġ tekniku ma jimplikax kostijiet għall-awtoritajiet benefiċjarji, xi drabi dawn ma kellhomx biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-proġetti u r-riformi relatati.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġie adottat fi Frar 2021; sa dak iż-żmien, ħafna proġetti ffinanzjati mill-SRSP kienu kisbu r-riżultati mistennija minnhom u fasslu rakkomandazzjonijiet li kienu strumentali fid-definizzjoni tal-istadji importanti u tal-miri fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza.

B'mod ġenerali, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni rari ġew inklużi fit-tfassil tal-proġetti, minkejja żieda fl-ġhadd ta' inizjattivi ta' komunikazzjoni fiċ-ċikli tal-programm għall-2019 u l-2020. Madankollu, meta sar involviment u komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni matul l-ġhodi ta' appoġġ tekniku, dan kien kruċjali minħabba li l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn l-attivitajiet ikkontribwiet biex tiżdied il-leġittimità, il-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riformi u titnaqqas ir-reżistenza organizzazzjonali għall-bidla.

Effiċjenza

L-SRSP irnexxielu jattira ħafna talbiet ta' kwalità għolja apparagun tal-baġit disponibbli. Barra minn hekk, il-programm seta' jappoġġa proġetti ta' daqs u baġit dejjem akbar, u b'hekk żied il-potenzjal biex il-proġetti jiksibu impatt akbar. Permezz tad-domanda dejjem tikber għal appoġġ tekniku fost l-Istati Membri u livell suffiċjenti ta' kompetizzjoni fost it-talbiet tal-SRSP, l-awtoritajiet setgħu jagħżlu proposti ta' kwalità għolja.

Il-partijiet ikkonċernati tal-programm – inklużi l-awtoritajiet benefiċjarji, l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni u l-fornituri – ġeneralment qablu li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-SRSP kienet proporzjonali għall-ħtiġijiet u l-ambitu stmat tal-appoġġ tekniku, u qiesu l-proġetti tal-SRSP bħala strument faċli għall-utent u kosteffettiv. Il-kostijiet tal-kontrolli fuq il-pagamenti annwali totali fid-DĠ REFORM kienu komparabbli ma' programmi oħra tal-UE immexxija b'modalità ta' ġestjoni diretta. Id-DĠ REFORM kiseb riżultati tajbin fl-eżekuzzjoni tal-baġit tal-SRSP.

B'mod partikolari, il-valutazzjoni u l-għażla ta' talbiet għal appoġġ tekniku tlestew fil-ħin u f'konformità mal-mira stabbilita fir-Regolament Finanzjarju, meta mqabbla ma' programmi oħra tal-UE. Peress li wieħed mill-kriterji tal-għażla għall-finanzjament ta' proġett skont l-SRSP kienet l-urġenza tar-riforma, l-Istati Membri stennew li kull proġett jibda' jitħaddem kmieni kemm jista' jkun, biex jiġi żgurat li r-riformi jibqgħu rilevanti u implimentati fil-ħin.

Il-partijiet ikkonċernati involuti fil-programm kienu ġeneralment pożittivi dwar iċ-ċarezza, it-trasparenza u l-faċilità għall-utent tal-proċeduri amministrattivi tal-SRSP u l-proporzjonalità tal-piż amministrattiv. Qasam wieħed għat-tiġib huwa relatat mal-ħtieġa li jiġu żviluppati u rfinati aktar il-prattiki ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-proġetti.

Id-DĠ REFORM kkoordinata, b'mod effiċjenti u effikaċi, l-appoġġ tekniku mogħti lill-Istati Membri ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni, Madankollu, skont l-istudju, fl-2017-2020 seta' kien hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni fit-tixrid u l-isfruttament tal-outputs mill-appoġġ tekniku, ladarba l-proġetti kienu tlestew.

Koerenza

L-SRSP huwa evalwat bħala għodda ta' politika koerenti b'loġika interna ċara, allinjata sew mal-oġettivi stabbiliti fir-Regolament SRSP, mingħajr lakuni, inkonsistenzi jew trikkib kbar fl-istruttura interna tal-proġetti. It-tfassil tal-programm ippermetta flessibbiltà konsiderevoli fl-għażla tal-attivitajiet tal-proġett li huma mfassla apposta bl-aħjar mod għal oġettivi speċifiċi tal-proġett u għall-ħtiġijiet tal-benefiċjarji.

L-istruttura u l-attivitajiet tal-SRSP ġew aġġustati maż-żmien biex jirrispondu aħjar għall-isfidi emerġenti ġodda u biex jilhqnu l-oġettivi tiegħu b'mod aktar effettiv, pereż., bl-introduzzjoni ta' sejħiet apposta għal talbiet li ssodisfaw il-ħtiġijiet emerġenti ġodda tal-Istati Membri. Madankollu, in-natura diskreta tal-proġetti timplika li jista' jkun meħtieġ sforz addizzjonali biex jinxtardu u jiġu sfruttati l-outputs tal-proġetti lil udjenzi usa', sabiex ikun jista' jiġi ġġenerat impatt akbar.

L-evidenza turi wkoll li l-SRSP kien konsistenti ħafna ma' programmi u strumenti oħra tal-UE (inklużi l-FSE, il-FEŻR, l-Orizzont 2020, il-COSME, il-Fiscalis), kif ukoll ma' dawk tal-Istati Membri nfushom. Dan għaliex indirizza aspetti differenti ta' objettivi, kwistjonijiet u gruppi fil-mira simili. B'temi komuni ma' programmi oħra tal-UE, il-proġetti ffinanzjati mill-SRSP fil-biċċa l-kbira kkomplementaw dawk il-proġetti billi pprovdew lill-awtoritajiet nazzjonali b'appoġġ tekniku mfassal apposta f'oqsma settorjali speċifiċi.

F'termini ta' objettivi konsistenti, l-SRSP saħħa l-aġendi ta' riforma usa' tal-Istati Membri u tal-UE, inkluż billi indirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (country-specific recommendations, CSRs) magħmula bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew. B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati tal-SRSP apprezzaw ħafna l-kontribut tal-programm għall-proċess tas-Semestru. F'xi każijiet, il-proġetti ffinanzjati mill-SRSP għenu biex is-CSRs jiġu ddefiniti, iċċarati u jitħaddmu aħjar, u jipprovdut linji gwida speċifiċi biex l-Istati Membri jimplimentawhom. F'każijiet oħra, ir-riżultati tal-proġetti ffinanzjati mill-SRSP intużaw biex jiġu fformulati dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Għalkemm b'mod ġenerali kien hemm biżżejjed mekkaniżmi biex jiġu żgurati r-rabtiet u l-integrazzjoni bejn l-SRSP u l-proċess tas-Semestru Ewropew/CSRs, l-istudju ta' sostenn għall-evalwazzjoni ex post wera li ma kienx hemm biżżejjed monitoraġġ ta' kif il-proġetti ffinanzjati mill-SRSP ikkontribwew biex jintlaħqu s-CSRs. Kien hemm ukoll nuqqas ta' referenzi għall-proġetti tal-SRSP fir-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew.

Valur miżjud tal-UE

L-SRSP wettaq dan billi pprovdut lill-Istati Membri b'aċċess aħjar għall-għarfien espert internazzjonali milli kieku kienu jesperjenzaw mingħajru. Saħansitra fil-każijiet limitati meta l-benefiċċji tal-proġetti setgħu jitwettqu mingħajr l-appoġġ tekniku tal-UE, dawn kien jkollhom ambitu ħafna iżgħar jew jitwettqu aktar tard. B'riżultat ta' dan, il-valur miżjud tal-UE nkiseb f'termini tal-proċessi ta' riforma msaħħa fl-Istati Membri u tal-kontribut imsaħħa għall-ilhug tal-objettivi tal-politika tal-UE, mhux l-inqas dawk tas-Semestru Ewropew.

L-SRSP kellu impatti transfruntiera sinifikanti madwar l-UE li jmorru lil hinn minn Stat Membru wieħed. Dawn l-impatti kienu jinkludu għajjnuna lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-politiki u l-prijoritajiet tal-UE fil-livell nazzjonali, inkluża l-promozzjoni tal-valuri Ewropej, kif ukoll l-għajjnuna għal kondiviżjoni ta' prattika tajba bejniethom. B'mod ġenerali, dawn il-prattiki tajbin u t-tagħlimiet meħuda ntużaw b'mod attiv mill-benefiċjarji wara t-tmiem tal-proġetti rilevanti ffinanzjati mill-SRSP.

Rilevanza

Instab li l-SRSP huwa strument rilevanti ħafna, imfassal sew biex itejjeb il-kapaċitajiet amministrattivi tal-Istati Membri biex ifasslu u jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċjaw.

L-awtoritajiet benefiċjarji u partijiet ikkonċernati oħra qiesu b'mod pożittiv l-aspetti differenti tat-tfassil u l-istruttura tal-SRSP u r-rilevanza tiegħu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' riforma. Fl-istess ħin, l-objettivi tal-proġetti ta' appoġġ tekniku fil-biċċa l-kbira kienu jikkorrispondu mal-għanijiet ewlenin ta' riforma u l-isfidi li ffaċċjaw l-Istati Membri.

L-appoġġ tekniku pprovdut mill-SRSP kien rilevanti ħafna biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet benefiċjarji u tal-Istati Membri, kemm f'termini tal-metodu ta' implimentazzjoni (jiġifieri fornituri internazzjonali ta' appoġġ tekniku miksuba mill-Kummissjoni) u n-natura tal-appoġġ ipprovdut (jiġifieri mfassal apposta għall-ħtiġijiet ta' kull awtorità benefiċjarja). Il-programm – b'mod uniku, effettiv u effiċjenti – jissodisfa l-ħtieġa li l-Istati Membri jkollhom

aċċess għal għarfien espert internazzjonali ta' livell għoli meta jkunu fil-proċess tat-tfassil jew tal-implimentazzjoni tar-riformi.

Fl-istess ħin, fejn l-SRSP intuża f'kapaċità ta' emerġenza ma tantx kien adattat biex ilaħħaq mar-riforma jew mal-bini tal-kapaċità fuq il-post, peress li kien ristrett bl-iskeda ta' żmien stabbilita fis-sejħiet għal talbiet.

Minkejja li l-awtoritajiet benefiċjarji rċevew il-kontribuzzjoni tal-SRSP fuq perjodu ta' ħafna snin, dawn kienu għadhom jeħtieġu l-appoġġ tekniku pprovdut mill-programm. L-għadd dejjem jikber ta' talbiet mill-Istati Membri, kif ukoll iż-żieda fil-baġit medju għall-proġetti wrew ukoll il-ħtieġa dejjem tikber għal appoġġ tekniku.

TAGĦLIMIET EWLENIN

It-tagħlimiet ewlenin li ġejjin ġew missielta mill-implimentazzjoni tal-SRSP. L-applikazzjoni ta' dawn it-tagħlimiet tista' tgħin biex jittejbu t-tfassil u l-ġestjoni ta' programmi futuri għall-għoti ta' appoġġ tekniku. It-tagħlimiet huma miġbura skont is-suġġett. **Involvement tal-partijiet ikkonċernati**

- **Komunikazzjoni attiva mal-partijiet ikkonċernati esterni u l-involvement tagħhom** kienu kruċjali matul l-għoti ta' appoġġ tekniku: żiedu l-leġittimità, il-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riformi u naqqsu r-reżistenza organizzazzjonali għall-bidla.
- **L-involvement tal-awtoritajiet benefiċjarji** kien kruċjali fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' appoġġ tekniku u fil-proċess ta' riforma, sabiex tkun tista' sseħħ l-implimentazzjoni bla xkiel tal-proġetti u r-riżultati tagħhom.
- **L-involvement mill-qrib tal-awtoritajiet nazzjonali ta' koordinazzjoni** kien importanti fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti ta' appoġġ tekniku, fid-diskussjoni tal-progress tagħhom u fit-teħid ta' azzjoni ta' segwitu biex jintużaw l-outputs wara t-tlestija tal-proġett.

Dimensjoni bejn il-pajjiżi

- Karatteristika ewlenija tal-programm kienet li l-Istati Membri ingħataw aċċess għall-**għarfien espert internazzjonali** li jaf altrimenti ma kienx ikollhom aċċess għalih.
- **L-iskambji ta' impjegati taċ-ċivil** ipprovdew bażi għal użu akbar ta' pariri bejn il-pari fl-amministrazzjonijiet nazzjonali fil-futur. L-għarfien akkumulat tal-impjegati taċ-ċivil fl-Istati Membri rappreżenta ġabra enormi ta' għarfien espert u ħiliet.
- **It-tixrid tar-riżultati** ta' proġetti ta' appoġġ tekniku fl-Istati Membri u madwarhom, ħeġġeġ il-kondiviżjoni u r-replikazzjoni ta' Prattika tajba.
- **Id-dimensjoni tranżnazzjonali** tal-programm – pereżempju permezz ta' proġetti li jappoġġaw diversi Stati Membri u permezz ta' disseminazzjoni aħjar tar-riżultati lil udjenzi usa' – kienet strumentali fit-tisħiħ tal-“valur miżjud tal-UE”.

Ir-rwol ta' faċilitatur tal-Kummissjoni Ewropea

- Billi **tnaqqset il-kumplessità** tal-proġetti ta' appoġġ tekniku, l-implimentazzjoni tagħhom saret aktar faċli u aktar effettiva.
- Il-kapaċità li jingħataw **soluzzjonijiet imfassla apposta** wasslet biex l-awtoritajiet benefiċjarji jkollhom piżijiet amministrattivi baxxi u gwida kontinwa għalihom, u għenet biex tiffaċilita u tilleġittimizza r-riformi.

- Il-Kummissjoni kellha rwol siewi fl-**iffaċilitar tal-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet benefiċjarji potenzjali** fi Stati Membri differenti li kellhom ħtiġijiet u prijoritajiet simili.

Implimentazzjoni effettiva tar-riformi u koordinazzjoni ma' proċessi oħra tal-UE

- Il-**monitoraġġ u evalwazzjoni** mtejba kkontribwew għal implimentazzjoni aktar effiċjenti tal-programm u tixrid u sfruttament aħjar tal-outputs tal-appoġġ tekniku. Sistema solida ta' monitoraġġ tista' tippermetti li jiġi vvalutat l-impatt tal-azzjonijiet u r-riformi kif ukoll is-sostenibbiltà tagħhom maż-żmien.
- Meta kien fis-seħħ, **il-monitoraġġ tal-kontribut tal-SRSP għall-proċess tas-Semestru Ewropew** u t-tweġġiq ta' CSRs speċifiċi f'kuntesti nazzjonali speċifiċi kien sinifikanti biex wieħed jifhem x'ħadem tajjeb u x'jista' jittejjeb.
- L-appoġġ tekniku kien kruċjali wkoll f'oqsma fejn is-suġġett tat-talba huwa inqas frekwenti, bħall-assistenza fl-**applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE**.

Strument ta' Appoġġ Tekniku

Fl-2021, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (Technical Support Instrument, TSI) issostitwixxa l-SRSP bħala l-programm ewlieni għall-ġħoti ta' appoġġ tekniku fl-2021–2027.

It-TSI tfassal abbażi ta' diversi rakkomandazzjonijiet proposti fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-SRSP u b'kunsiderazzjoni ta' xi wħud mill-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni *ex post*, bħal involviment aktar attiv tal-partijiet ikkonċernati, enfasi aktar stretta fuq id-dimensjoni bejn il-pajjiżi u aktar attenzjoni fuq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.